MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Numru 506/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

Khalil Zina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Khalil Zina ta' karta ta' identita' numru 0246295(M), akkuzat talli:

1. Bejn it-22 u t-23 ta' Mejju 2005 gewwa Haz-Zebbug, u gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

2. fil-lejl bejn it-22 ta' Mejju, 2006 u t-23 ta' Mejju 2006, seraq diesel minn gewwa l-vettura bin-numru ta'

registrazzjoni EAF148 ghad-dannu ta' Carmel Camilleri ID 619759(M) u minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAZ502 ghad-dannu ta' John Agius ID 271478(M) minn gewwa Triq Mikiel Ang Sapiana, Haz-Zebbug, liema serq huwa aggravat bl-ammont, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fit-23 ta' Mejju 2006 u fil-granet ta' qabel xjentament xtara jew laqgha ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt Lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fil-lejl bejn it-22 ta' Mejju 2006 u t-23 ta' Mejju 2006 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fil-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni EAF148, ghad-dannu ta' Carmel Camilleri ID 619759(M), liema hsara hija ta' aktar minn Lm10 (Ghaxar Liri Maltin) u dan bi ksur tal-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. b'hekk Khalil Zina jitqies recidiv b'sentenza datata 08/04/2006, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. Giovanni Grixti LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti b'sentenza moghtija fit-08/04/2006.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti qabel l-kompilazzjoni tal-provi:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bl-ammont, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

Jirrizulta li l-valur tas-serq kien wiehed mhux sostanzjali (ta’ cirka Lm130) u f’kull kaz r-rifortiva giet ritornata.

Tiddecidi ghalhekk fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat u fil-waqt li ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti li, mehud in konsiderazzjoni l-perjodu li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv, li tapplika l-artikolu 7 tal-Kap 446 u tinnomina ufficjal tal-probation ghal tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------